

Brussell, 23 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11562/25
PV CONS 40
AGRI 348
PECHE 212
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
14 ta' Lulju 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 11349/25.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

11469/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Programm ta' ħidma tal-Presidenza



Preżentazzjoni mill-Presidenza

Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Daniża dwar is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

AGRIKOLTURA

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. Proteini għall-ikel u l-ġhalf – provvista, produzzjoni u sostenibbiltà



10940/25

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta fin-nota mill-Presidenza u kellu skambju ta' fehmiet.

5. Is-sitwazzjoni tas-suq, b'mod partikolari wara l-invażjoni tal-Ukrajna

11370/25 + COR 1

*Informazzjoni mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri
Skambju ta' fehmiet*

Affarijiet oħra

6. a) **Ħtieġa urġenti għal azzjoni fil-qasam tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti – Sejħa għal approċċ rapidu u effettiv**  11377/25

Informazzjoni miċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, fisem iċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Ungerija, dwar il-ħtieġa ta' approċċ effettiv għall-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li huma pprojbiti fl-UE jew li waslu biex jitneħħew gradwalment, fin-nuqqas ta' alternattivi oħra b'riskju aktar baxx. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-interventi mid-delegazzjonijiet.

- b) **Proposta tal-Kummissjoni li tippermetti l-użu ta' Nitroġenu Rkuprat mid-Demel (RENURE)**  11473/25

Informazzjoni min-Netherlands, appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Lussemburgu, Malta, ir-Rumanija u Spanja

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands, appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Lussemburgu, Malta, ir-Rumanija u Spanja, dwar il-proposta tal-Kummissjoni li tippermetti l-użu ta' Nitroġenu Rkuprat mid-Demel (RENURE) u l-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- c) **Is-Sitt Konferenza Ministerjali dwar l-Agrikoltura bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea (Ruma, 27 ta' Ġunju 2025)**  11360/25

Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar is-sitt Konferenza Ministerjali dwar l-Agrikoltura bejn l-UA u l-UE, kif ukoll tal-kummenti mid-delegazzjonijiet.

- d) **Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Istati Membri l-aktar esposti (il-Bulgarija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija) dwar l-aspetti agrikoli tal-modifika tal-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Ukrajna**

 11406/25

Informazzjoni mill-Ungerija fisem il-Bulgarija, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ungeriża dwar id-"Dikjarazzjoni konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Bulgarija, il-Polonja, ir-Rumanija¹, is-Slovakkja u l-Ungerija dwar l-aspetti agrikoli tal-modifika tal-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Ukrajna". Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet.



Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

¹ Ir-Rumanija ffirmat id-dikjarazzjoni fil-jum tal-laqgħa tal-Kunsill.